MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1100/2006

**Josella Terribile**

**Vs**

**J & L Zammit Limited**

Permezz ta' rikors guramentat l-attrici ppremettiet:

*1. Illi permezz ta' Skrittura Privata datata 31 ta' Jannar 2005, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, il-partijiet dahlu fi ftehim li permezz tieghu, l-esponenti obbligat ruhha illi tippresta s-servizzi taghha ta' spizjara self-employed a favur u fl-ispizerija di proprjeta' ta' u gestita mis-socjeta' intimata, bl-isem tan-negozju J&L Pharmacy, ghal perijodu ta' hames snin, u dan versu kumpens konsistenti f'hamsin fil-mija (50%) tal-profitti netti ta' l-ispizerija in kwistjoni, u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra dettaljati fl-imsemmija Skrittura;*

*2. Illi l-esponenti dejjem ottemperat ruhha skrupolozament ma' l-obbligi taghha ai termini ta' l-iSkrittura tal-31 ta' Jannar 2005 u inoltre', hija dejjem aderixxiet ruhha ma' l-istruzzjonijiet lilha moghtija mis-socjeta' intimata in konnessjoni mat-tmexxija u l-amministrazzjoni generali ta' l-ispizerija;*

*3. Illi effettivament skond kif jista' jirrizulta wkoll mill-kontijiet tan-negozju ta' l-ispizerija ghas-sena 2005, li kopja taghhom jinsabu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. B, u tas-sena 2006, li ghandhom jindikaw illi l-profitti tan-negozju zdiedu waqt il-perijodu ta' l-operat ta' l-iSkrittura Privata, l-esponenti ma naqqset bl-ebda mod fl-iSkrittura Privata, l-esponenti ma naqqset bl-ebda mod fl-amministrazzjoni u prestazzjoni tas-servizzi taghha fl-ispizerija in kwistjoni;*

*4. Illi b'danakollu, fit-30 ta' Awwissu 2006, is-socjeta' intimata, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-klawsola numru sebgha (7) ta' l-iSkrittura Privata in kwistjoni, u minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, itterminat ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, abbuzivament, meta waqqfet hesrem lill-esponenti milli tkompli tippresta s-servizzi taghha ai termini ta' l-iSkrittura Privata in kwistjoni, u dan minghajr ma nghata l-ebda preavviz skond kif rikjest mill-klawsola tmienja (8) ta' l-istess Skrittura Privata;*

*5. Illi jirrizulta illi s-socjeta' intimata ma kellha l-ebda dritt illi tittermina unilateralment u hesrem l-operat ta' l-iSkrittura Privata in kwistjoni u r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, waqt it-terminu ta' validita' taghha, minghajr ma tottempera ruha ma' l-imsemmija klawsola numru tmienja (8);*

*6. Illi effettivament, jirrizulta wkoll illi kwalunkwe terminazzjoni da parti tas-socjeta' intimata li ma hijiex konformi mad-dispost tal-klawsola numru*

*tmienja (8) ta' l-iSkrittura Privata in kwistjoni, setghet issir biss versu l-hlas tal-penali kontemplata fl-istess klawsola, liema penali baqghet ma thallsitx lill-esponenti;*

*7. Illi fil-fatt, jirrizulta palezi illi t-terminazzjoni unilaterali u premature tal-kuntratt u l-iskuzi frivoli u vessatorji li nghataw mis-socjeta' intimata sabiex tipprova tiggustifika l-istess terminazzjoni, saret bl-iskop car illi l-istess socjeta' intimata tipprova teludi l-obbligi taghha ai termini tal-klawsola 8 fuq imsemmija, u sabiex tkun tista' ddahhal terzi persuni fit-tmexxija ta' l-ispizerija in kwistjoni minflok l-esponenti, minghajr ma tistenna l-perijodu ta' tliet xhur kif kontemplat fl-iSkrittura Privata de quo;*

*8. Illi inoltre', u minghajr pregudizzju ghall-premess, mat-terminazzjoni abbuziva tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, is-socjeta' intimata baqghet ma tatx lill-esponenti rendikont tad-dhul, infiq u profitti ta' l-ispizerija ghas-sena korrenti 2006 mill-1 ta' Frar 2006 sad-data tat-terminazzjoni abbuziva tar-relazzjoni kuntrattwali, sabiex hija tkun f'pozizzjoni illi tivverifika s-sehem taghha ta' hamsin fil-mija (50%) tal-profitti netti tan-negozju skond il-klawsola hamsa (5) ta' l-iSkrittura Privata de quo u, apparti pagamenti akkont ta' l-imsemmi sehem taghha, fis-somma komplessiva ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500), baqghet lanqas ma hallset lill-istess esponenti s-sehem taghha tal-profitti netti ghas-sena korrenti 2006;*

*9. Illi dan l-agir abbuziv tas-socjeta' intimata, li tikkonsisti fit-terminazzjoni unilaterali u premature tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet da parti tas-socjeta' intimata, fin-nuqqas ta' rendikont tad-dhul u nfiq tan-negozju ghas-sena korrenti kif ukoll in-nuqqas ta' hlas tal-bilanc tas-sehem relattiv tal-profitti netti dovut lill-esponenti ghall-istess perijodu, ikkawza pregudizzju serju lill-esponenti illi improvvizament, sabet ruhha sprovvista minn impieg u mill-hlasijiet lilha dovuta skond l-iSkrittura Privata de quo, u konsegwentement l-istess esponenti soffriet u ghadha qed issoffri d-danni;*

***<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>***

*10. Illi ghalhekk, jirrizulta illi s-socjeta' intimata, filwaqt illi hija obbligata illi taghti rendikont tad-dhul, infiq u profitti ta' l-ispizerija J&L Pharmacy lill-esponenti mill-1 ta' Frar 2006 sad-*

*data tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-esponenti mill-1 ta' Frar 2006 sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-esponenti, hija wkoll debitrici ta' l-istess esponenti fl-ammont ta' hamsin fil-mija (50%) tal-profitti netti tan-negozju li jirrizultaw mir-rendikont in kwistjoni, wara li jitnaqqas l-ammont ta' Lm1,500 diga' mhallas lill-esponenti akkont tas-sehem taghha tal-profitti netti tan-negozju in kwistjoni, kif ukoll fis-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) dovuti lill-esponenti bhala penali ai termini tal-Klawsola tmienja (8) ta' l-iSkrittura Privata de quo bhala konsegwenza tan-nuqqas tas-socjeta' intimata milli taghti l-preavviz ta' tliet (3) xhur tat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali skond l-istess Skrittura Privata;*

*11. Illi minkejja illi giet interpellata sabiex taghti rendikont dettaljat u mfisser car skond il-Ligi ta' l-amministrazzjoni ta' l-ispizerija J&L Pharmacy lill-esponenti mill-1 ta' Frar 2006 sad-data tat-terminazzjoni, bl-ispjega ta' l-infiq u d-dhul, thallas l-ammonti kollha dovuti lill-esponenti bhala l-bilanc tas-sehem taghha tal-profitti netti ai termini ta' l-iSkrittura Privata de quo, thallas il-penali fis-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) dovut a tenur tal-klawsola 8 ta' l-imsemmija Skrittura Privata, kif ukoll illi tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-esponenti bhala rizultat tat-terminazzjoni ingusta u abbuziva tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u l-ksur ta' l-obbligazzjonijiet da parti tas-socjeta' intimata ai termini ta' l-imsemmija Skrittura Privata, u dan permezz ta' Protest Gudizzjarju datat 19 ta' Ottubru 2006, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C, debitament notifikat lilha, l-istess socjeta' intimata baqghet inadempjenti;*

*12. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.*

*Għaldaqstant, l-attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tordna lis-socjeta' intimata illi taghti lill-esponenti rendikont dettaljat u mfisser car skond il-Ligi ta' l-amministrazzjoni ta' l-ispizerija J&L Pharmacy lill-esponenti, ghall-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2006 u d-data tat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ai termini ta' l-iSkrittura Privata tal-31 ta' Jannar 2005, bl-ispjega ta' l-infiq u d-dhul;*

*2. Tillikwida s-sehem mill-profitti ta' l-ispizerija J&L Pharmacy, dovut lill-esponenti mill-1 ta' Frar 2006 sad-data tat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, kif fuq premess, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tordna lis-socjeta' intimata illi thallas lill-esponeti l-ammont hekk likwidat u li huwa dovut lilha bhala l-bilanc tas-sehem taghha tal-profitti netti kif fuq premess;*

*4. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata naqset milli taghti l-preavviz ta' tliet (3) xhur kif rikjest ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-klawsola tmienja (8) ta' l-iSkrittura Privata de quo lill-esponenti, u illi konsegwentement, il-hlas tal-penali fis-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) huwa dovut lill-esponenti;*

*5. Tordna lis-socjeta' intimata illi thallas lill-esponenti l-penali fis-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) dovut a tenur tal-klawsola 8 ta' l-imsemmija Skrittura Privata de quo, dovuta kif fuq premess;*

*6. Tiddikjara illi bhala rizultat ta' l-agir abbuziv u l-ksur ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali da parti tas-socjeta' intimata, l-esponenti soffriet id-danni;*

*7. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti bhala rizultat ta' l-agir tas-socjeta' intimata u l-ksur ta' l-obbligi kuntrattwali taghha, kif fuq premess, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*8. Tordna lis-socjeta' intimata illi thallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.*

Fit-twegiba guramentata l-kumpannija konvenuta qalet:-

*1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-istess l-attrici diga' thallset aktar minn dak li kien dovut lilha, u f'kull kaz it-terminazzjoni tal-kuntratt taghha saret ghal ragunijiet gusti u gustifikati;*

*2. Illi konsegwentement ebda hlas ma huwa dovut lill-attrici la bhala kumpens taht il-kuntratt, la bhala penali u wisq anqas bhala danni;*

*3. Illi l-qligh tan-negozju ta' l-ispizerija ghall-perjodu kollu li matulu kienet tmexxi l-attrici jirrizulta mill-kontijiet ufficjali awditjati u ma hemm lok ghal ebda rendikont ulterjuri;*

*4. Illi l-attrici thallset b'mod shih u komplet ghall-perjodu kollu li matulu kienet tmexxi l-attrici l-ispizerija billi kienet tiehu hlasijiet akkont qabel ma nhadmu l-kontijiet finali tan-negozju;*

*5. Illi l-kuntratt ta' l-attrici giet terminat ghal ragunijiet gusti u ebda penali jew kumpens iehor ma huwa dovut minhabba din it-terminazzjoni;*

*6. Illi konsegwentement anke s-sitta, s-sebgha u t-tmien talbiet ghandhom jigu michuda.*

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet u semghet ukoll it-trattazzjoni.

**Kwistjoni**.

Permezz ta' skrittura privata tal-31 ta' Jannar 2005, il-partijiet dahlu fi ftehim li bih il-konvenuta ngaggat lill-attrici biex tatiha servizz ta' spizjara gewwa J & L Pharmacy, Triq Marina, Pieta'. Il-ftehim kien ghall-perjodu ta' 5 snin b'dan li kull parti kellha l-jedd li f'kull zmien tittermina l-ftehim diment li thallas penali ta' Lm5,000 lill-parti l-ohra. Dan l-ammont ma kellux jithallas f'kaz li *"... the termination is properly justified"* (klawzola 8).

Ghal dak li jikkoncerna hlas ghas-servizz li kellha taghti l-attrici, il-ftehim jipprovdi:-

*"50% of the net profits arising from the running of the Pharmacy, after deducting all relative expenses. Such expenses include, but are not limited to, the salaries due to any employees engaged by the Company to assist it, the running of the Pharmacy, the payment of utilities including water and electricity and all other running expenses and necessary overheads"*.

Fl-ahhar ta' Awissu 2006 il-konvenuta unilateralment itterminat il-ftehim. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attrici qeghda titlob:-

1. Rendikont dettaljat minghand il-konvenuta dwar in-negozju relatat mal-ispizerija ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2006 u 31 ta' Awissu 2006;
2. Hlas tas-sehem dovut lilha mill-qliegh li sar matul l-imsemmi perjodu;
3. Hlas ta' penali ta' Lm5,000 talli l-kumpannija tterminat il-ftehim;
4. Hlas ta' danni li sofriet minhabba li l-kuntratt gie terminat unilateralment.

**Hlas lill-attrici skond klawzola 5 tal-kuntratt**.

**L-attrici pprezentat** pitazz (Dok. RM1) li fuqu qalet li kienet izzomm notament ta' bejgh u xiri ta' merkanzija (ara wkoll Dok. RM5 u RM6). Minn dawn id-dokumenti jirrizulta:-

- Bejgh matul is-sena 2005 Lm142,203;
- Bejgh matul is-sena 2006 (sa Awissu) Lm74,746.57;

- Xiri matul is-sena 2005 Lm107,874;
- Xiri matul is-sena 2006 (sa Awissu) Lm50,283.98;

- Spejjez matul is-sena 2005 Lm8,125.79 (ara Dok. RM5);
- Spejjez matul is-sena 2006 ma tatx total (ara Dok. RM6)

L-attrici pprezentat ukoll Dokument B (fol. 9) li huwa rendikont tal-profit li ghamlet J & L Limited fis-sena 2005. Dokument li jirrizulta li kien ippreparat minn Ivan Camilleri, accountant tal-konvenuta, li xehed fis-seduti tal-4 ta' Marzu 2011 u 25 ta' Marzu 2011. Il-qorti m'ghandhiex dubju li dan id-dokument qieghed jirreferi ghall-qliegh attwali li sar min-negozju tal-ispizerija u mhux ghal *projections*, kif ipprova jaghti x'jifhem ix-xhud. Camilleri stess ikkonferma li stima ma ssirx bic-centezmi (ara figura ta' bejgh fid-Dokument B a fol. 9)[1]. Waqt l-ezami l-qorti staqsiet: *"Tistenna li jkun daqshekk preciz bid-decimal points ?"*. It-twegiba: *"Tlaqt minn figura.* ***Jien ghalhekk qed nassumi li din hija figura tas-sales li kienet preciza****"*. Ghalkemm meta x-xhud xehed fis-seduta ta' wara, ghamel hiltu biex ighid li c-cifri huma biss stima tal-qliegh, il-qorti ma temmnux.

Fir-rendikont li ghamel Ivan Camilleri jinghad li:-

Bejgh – Lm141,351.90

Xiri – Lm107,869

Spejjez – Lm8,472

Qliegh nett qabel it-taxxa kien ta' **Lm25,010.90**. L-ammonti li jirreferu ghall-bejgh u xiri tista' tghid li **huma identici** ghal dawk li rrekordjat l-attrici fil-perjodu li hadmet fl-ispizerija.

**Il-kumpannija konvenuta** pprezentat *audited accounts* ghas-sena 2005 u 2006:

- Bejgh matul is-sena 2005 kien Lm103,569;
- Bejgh matul is-sena 2006 kien Lm94,756;
- Cost of sales fis-sena 2005 kien Lm85,084;
- Cost of sales matul is-sena 2006 kien Lm74,911;
- Spejjez matul is-sena 2005 kienu Lm12,765;
- Spejjez matul is-sena 2006 kienu Lm22,155;

[1] Ara fol. 223.

Il-konvenuta baqghet ma tatx rendikont dwar fhix jikkonsistu l-ispejjez kollha li huma registrati fl-*audited accounts*. Fis-sena 2006 qieghed jidher **telf ta' Lm2,310** wara li nkludiet bhala spejjez pagi, depreciation fuq tangible assets u hlas lill-awditur (ara pagna 8 tal-audited accounts).

Wara li l-qorti rat l-atti kollha tosserva:-

1. L-*audited accounts* li pprezentat il-konvenuta ma jkoprux is-sena 2005 kollha in kwantu s-sena finanzjarja tal-konvenuta taghlaq fit-30 ta' Settembru 2005.

2. Il-konvenuta ma tatx rendikont dettaljat tal-*operating expenses* ghas-snin 2005 u 2006. Fil-Profit and Loss Account m'hemmx din l-informazzjoni izda somma globali. Dak it-taghrif kellu jirrizulta mid-dokumenti interni tal-kumpannija.

3. Meqjus dak li nghad hawn fuq fir-rigward tad-Dokument B a fol. 9, li l-qorti temmen li jirrifletti l-verita ghal dak li jirrigwarda dhul u spejjez, hu evidenti li mhux il-bejgh kollu kien jigi registrat fil-*cash register*. Fil-fatt fl-istess Dok B a fol. 9 fil-parti *"Computation for Tax"*, mill-bejgh tnaqqset is-somma ta' Lm17,818 u hemm nota hdejha *"less under"* li l-qorti temmen li ghandha taqra ***"less undeclared"***. L-istess jidher fil-kaz tax-xiri pero din id-darba hemm ic-cifra Lm4,841 *"less under"*.

4. Fil-fehma tal-qorti t-taxxa li setghet hallset il-konvenuta ma kellhiex x'taqsam maghha l-attrici. Dan m'ghandux jitqies bhala spiza skond il-klawzola 5 tal-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2005. In-negozju kien u baqa' tal-kumpannija konvenuta. Kull parti kellha thallas it-taxxa fuq id-dhul li ghamlet. Ovvjament meta l-konvenuta hallset lill-attrici skond klawzola 5 tal-kuntratt, allura dak il-hlas gustament kellu jigi nkluz fl-*audited accounts* bhala spejjez li ghamlet il-konvenuta fil-gestjoni tan-negozju. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni tal-awditur Peter Griffiths (23 ta' Marzu 2010) li spjega kif fis-sena 2006 gew inkluzi fl-ispejjez il-hlasijiet kollha li saru lill-attrici. Mill-atti jirrizulta li matul is-sena 2006 l-attrici thallset s-somma ta' Lm10,500 (ara kopja ta' cekkijiet fol. 157-158). Hlasijiet li l-konvenuta kellha tinkludi fl-accounts taghha li pero' ovvjament ma kellhom x'jaqsmu xejn meta tigi biex tikkalkola l-hlas dovut lill-attrici skond klawzola 5 tal-kuntratt. L-attrici ma kenitx impjegata b'salarju. Madankollu mill-verzjoni li tat l-attrici hu evidenti li hi kienet accettat li fir-rigward tas-sena 2005 t-taxxa fl-ammont ta' Lm1,459 tigi kkunsidrata bhala spiza (ara dak li qalet l-attrici, fol. 78). Fil-fatt wara li tnaqqas din is-somma ta' Lm1,459 mill-qliegh ta' Lm25,010.9 tibqa' bi qliegh

ta' Lm23,551. Mela suppost l-attrici rceviet is-somma ta' **Lm11,775.95** ghas-sena 2005.

5. Fl-*audited accounts* u d-dokument li ghamel Ivan Camilleri jissemmew *depreciation* u *management fee*. Ma jirrizultax li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim li l-ispejjez jinkludu *management fee*. M'hemmx prova li l-konvenuta kienet qeghda taghmel xi hlas f'dan is-sens. Minn klawzola 5 tal-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2005 hu evidenti li l-ispejjez li kellhom f'mohhom il-partijiet kienu dawk relatati ma' *overhead expenses,* li jinkludu salarji.

6. Dwar l-ispiza tal-merkanzija id-differenza bejn iz-zewg partijiet tidher li hi li filwaqt li t-taghrif li tat l-attrici jirreferi ghall-merkanzija li nxtrat fl-2006, min-naha l-ohra fl-*audited accounts* ic-cifra tirreferi ghall-ispiza biex inxtrat il-merkanzija li nbieghet (deskritta bhala Cost of Sales, ara *profit and loss account*) matul dik is-sena partikolari.

7. Hu veru li fl-*audited accounts* tas-sena 2005 jinghad li l-qliegh kien ta' Lm3,705 (pagna 1). Pero' dan hu l-qliegh nett wara t-taxxa. Inoltre, minn dak li nghad hawn fuq hu evidenti li fl-audited accounts ma giex registrat il-bejgh kollu. Dan irrispettivament ta' x'juru s-Z readings mill-cash register u l-formoli tal-VAT. Il-qorti hi konvinta li d-dokument B a fol. 9, imhejji minn Ivan Camilleri, jirrifletti l-verita. Dokument li fil-fehma tal-qorti juri l-qliegh attwali qabel it-taxxa u fit-tieni parti l-kalkolu tal-qliegh ghal finijiet ta' taxxa, fejn hemm inkluz *Management fee* u *Depreciation Charge*. Inoltre l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-pitazz li fih l-attrici kitbet il-bejgh u xiri fih taghrif li gabret fiz-zmien li kienet tahdem fl-ispizerija (Dok. RM1). Il-qorti teskludi ghal kollox li c-cifri huma vvintati. Cifri li huma b'centezmi u millezmi. Ghall-qorti m'huwiex verosimili li dokument iffabrikat ser ikollu dak it-taghrif kollu li hemm f'Dok. RM1, fejn it-total ta' bejgh u xiri ta' merkanzija kwazi identiku mad-dokument li ghamel l-accountant tal-kumpannija tattrici.

8. It-total tal-pagamenti li l-attrici rceviet minghand il-konvenuta hu ta' **Lm13,500** (Lm3,000 matul 2005 u Lm10,500 matul 2006). Mill-hlasijiet li saru mill-kumpannija konvenuta lill-attrici matul is-sena 2006 jirrizulta li matul is-sena 2006 l-attrici kull xahar kienet qeghda tithallas bejn Lm1,000 u Lm1,500. Hlas li baqa' jsir sa Lulju 2006. Il-qorti ma temminx li Godfrey Zammit kien qieghed ihallas minghajr ma kien jaf x'inhi l-posizzjoni tan-negozju. L-ispizerija ma fethitx fis-sena 2005 u Godfrey Zammit zgur kien jaf x'kien irendi n-negozju. Negozjant mhux ser ihallas somma bhal dik kull xahar fl-ghama.

9. Fl-audited accounts tal-2006 hemm inkluz is-somma ta' Lm10,500 bhala parti mill-*operating expenses* ta' Lm22,155, hlas li l-konvenuta tat lill-attrici ghas-servizzi taghha (ara deposizzjoni tal-awditur Griffiths). Hu ovvju li fil-kalkoli li kellhom isiru biex tasal ghall-hlas dovut lill-attrici, dan ma kellhomx jigu nkluzi

fl-ispejjez. Dawk jirriflettu sehem mill-qliegh li l-attrici kienet intitolata ghalih skond il-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti.

10. Hu veru li fl-*audited accounts* ghas-sena 2006 jinghad li l-kumpannija konvenuta ghamlet telf ta' Lm1,539 wara t-taxxa. Meqjus dak li nghad hawn fuq, il-qorti m'hijiex ser tibbaza l-konkluzjonijiet taghha fuq din id-dikjarazzjoni. Jekk wiehed kellu joqghod fuq l-*audited accounts* tal-2005 u 2006, li ilhom lesti mis-sena 2007, ikun ifisser li l-kumpannija konvenuta hi kreditrici tal-attrici. Interessanti kif f'dan ir-rigward il-konvenuta ma hadet l-ebda passi biex tirkupra xi flus minghand l-attrici, minkejja li ghaddew dawn is-snin kollha. Ifisser ukoll li l-qliegh nett li spizerija fi triq principali f'perjodu ta' sentejn halliet lill-kumpannija konvenuta kien ta' Lm2,166[2]. Il-qorti ma temminx.

Il-qorti tikkonkludi:-

1. L-*audited accounts* ma jirriflettux il-verita.
2. Ghas-sena 2005 l-attrici kellha tircievi nofs is-somma ta' Lm23,551, cjoe' Lm11,775.5[3]. F'dik is-sena irceviet hlas ta' Lm3,000 u ghalhekk kien baqa' bilanc ta' **Lm8,775**. Il-qorti temmen il-verzjoni tal-attrici li fis-sena 2006 kienet qeghda tircievi is-sehem taghha ghas-sena 2005.
3. Fir-rigward tal-perjodu minn Frar 2006 sa Awissu 2006, il-bejgh hu Lm74,046.57 u xiri Lm50,283.975. Dan skond ir-records li zammet l-attrici. Meta tqies il-bejgh li ggenera n-negozju fl-istess perjodu matul is-sena 2005 (ara Dok. RM5), il-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' t-taghrif li hemm fil-pitazz hi l-verita. Fis-sena 2005 fl-istess perjodu (Frar-Awissu) sar bejgh ta' Lm85,050.04. Skond l-*audited accounts* li pprezentat il-konvenuta (2006) il-bejgh kien ta' Lm94,756. Pero' fil-Profit and Loss Account ghal dik is-sena jinghad li hi *"for the year ended 30 September 2006"*. Ghal dak li jikkoncerna spejjez li jridu jitnaqqsu, hemm nuqqas ta' taghrif dettaljat. L-uniku certezza hi li s-somma ta' Lm22,155 tirreferi ghal sena u fiha hemm inkluz il-hlas li rceviet l-attrici matul dik is-sena, cjoe' Lm11,500. Il-qorti ser tkun qeghda taghmel il-kalkoli fuq spiza ta' Lm7,000 ghall-perjodu sa Awissu 2006. Cifra li qeghda tiffissa *arbitrio boni viri* in vista tan-nuqqas ta' informazzjoni u wara li qieset l-ispejjez fis-sena ta' qabel. Ghalhekk ghas-sena 2006 il-hlas dovut lill-attrici ser jigi likwidat fis-somma ta' **Lm8,731 (€20,337)**[4].

---

[2] Qliegh nett ta' Lm3,705 fis-sena 2005 u telf nett ta' Lm1,539 fis-sena 2006. Dan skond l-audited accounts.

[3] Bazat fuq Dokument B a fol. 9. Ghalkemm it-taxxa giet inkluza bhala spiza u minkejja li l-qorti tqies li din m'hijiex spiza nkluza fi klawzola 5, madankollu l-attrici stess qalet li meta ghamlu l-kontijiet ghas-sena 2005 kienu kkonkludew li l-qliegh nett kien ta' Lm23,551. Cifra li Camilleri wasal ghaliha wara li naqqas it-taxxa dovuta.

[4] Lm74,746.57 – Lm50,283.975 = Lm24,462.59 – Lm7,000 = Lm17,462/2 = **Lm8,731**.

4. Il-hlas dovut lill-attrici ghas-snin 2005 u 2006 hu Lm20,506.50 (€47,767.29) u thallset Lm13,500 (€31,446). Ghalhekk fadlilha x'tithallas is-somma ta' **Lm7006.72 (€16,321.27)**.

**Penali ta' Lm5,000 (€11,646.87)**.

1. Il-konvenuta ssostni li t-terminazzjoni tal-kuntratt kienet ghal ragunijiet gusti. F'dan ir-rigward fid-dikjarazzjoni guramentata li Godfrey Zammit, direttur tal-kumpannija, ipprezenta mat-twegiba qal li n-nuqqasijiet kienu:-

   1.1 – L-attrici kienet tiftah l-ispizerija tard, gieli wkoll fl-10.00 a.m.
   1.2 – Dubji dwar xiri u bejgh tal-merkanzija.
   1.3 – Ma kenitx izzomm bilanc bejn l-ordnijiet li kienet taghmel minghand l-agenti.
   1.4 – L-attrici kienet izzomm prezzijiet iktar ghaljien milli suppost.
   1.5 – Tlett xhur qabel gie tterminat il-kuntratt il-konvenuta kienet irceviet rapport minghand it-tabib residenti fl-ispizerija li kienet qeghda tiehu flus li kienu tat-tabib. Wara verifiki rrizulta li dak li qal it-tabib kien minnu.

   L-oneru tal-prova kien fuq il-kumpannija konvenuta.

2. Fir-rigward tal-ewwel erba' ilmenti ma tressqux provi sodisfacenti li kien hemm in-nuqqasijiet li semma Zammit.

3. Dwar l-ahhar ilment inghataw provi kontrastanti.

   L-attrici xehedet:-

   *"It-tabib kien jara n-nies, jaghmel karta, fuq karta zghira kemm ahna kellna flus dovuti lit-tabib, in-nies ituni l-karta zghira naghmilha fil-cash register u jtuni l-flus ghat-tabib. Fl-ahhar tal-gurnata nghoddu konnha, jew jiena jew Monica Zammit, konnha nghoddu l-karti dawn iz-zghar u ntuh il-flus lil Dr Adrian Vassallo tal-gurnata. Il-flus tac-certifikati li kien itina ghan-nies li kienu jigu jippikjawhom, dawk ma konnhiex intuhomlu ghaliex kienu jghiduli dawk huma ghall-ispejjez ta' l-ispizerija ghaliex clinic fees ma kienx ikollna. Allura kienu jghidulna dawk huma ghall-ispejjez li hemm jigifieri tal-maid, ghall-aircondition, ghad-dawl u ghall-ilma. U ovvjament il-flus tas-seftura kienu jittiehdu wkoll minn hemmhekk. Konnha ntuha sitt liri kull darba li tigi darba fil-gimgha….. Il-flus kienet tghoddhom terga' Monica u hi ttihom lit-tabib. La t-tabib qatt ma qalli xejn u lanqas min-naha ta' Monica u lanqas Godfrey Zammit lili qatt ma qaluli ma tkomplix meta din il-procedura kienu spjegawili huma kif naghmlu u ma naghmlux"* (fol. 90-91).

It-tabib ikkoncernat kien Dr Adrian Vassallo u xehed fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 (fol. 192-202). Ix-xhud ikkonferma dak li qalet l-attrici il-mod kif kien jithallas minghand il-pazjent. Spjega wkoll li wara xi zmien li l-attrici bdiet tahdem fl-ispizerija beda jinnota li l-qliegh kien qieghed ikun inqas mill-qliegh li kien jircievi minn spizerija ohra. Minhabba li kellu suspett li ma kienx qieghed jinghata l-flus kollha, iddecieda li jzomm nota tal-pazjenti li jkun ra f'J & L Pharmacy. Zied ighid li beda jinnota li nhar ta' Erbgha, *"... meta ma kienx ikun hemm l-ispizjara* (qed jirreferi ghall-attrici)*, kien ikun hemm haddiehor jew l-owners tal-pharmacy kont indahhal iktar mill-granet l-ohra u tibda tghid what's happening here ? Pero' bqajt ninnega lili nnifsi nghid – ghal xi sena dan mhux qed nghid over night. Imbaghad ghidt ha nipprova nzommilhom jien u ghamilt gurnata zammejt jien. L-ammont tela' sostanzjalment….."* (fol. 194). Ix-xhud kompla jispjega li f'okkazzjoni minnhom *"…. Mort fil-hamsa u nofs ghamilt sa xi d-disgha u nofs ta' bil-lejl nara n-nies u meta hrigt u nsib, minghalija xi five fifty kienet, u mentalment bdejt nghid, imma rajt lil dak u lill-iehor, biss biss ftakart f'xi hmistax-il ruh easy u ghidt what's happening ?"*. Sahansitra qal li kien mar l-ghassa tal-pulizija biex jaghmel rapport. Meta qalulu li jittiehdu proceduri kriminali, iddecieda li ma jaghmilx rapport. Qal ukoll li kien tkellem ma' Zammit li min-naha tieghu qallu biex jibda jzomm record tal-flus neqsin u kien ser ihallsu d-differenza, *"... sakemm I sort out my problems"* (fol. 195). Zied li din ma kenitx ta' darba. Il-flus kienu jinghataw lilu f'borza li fihom kien ikun hemm ukoll il-bicciet karti li jkun ta lill-pazjent sabiex jaghti l-flus lill-ispizjara, u eventwalment sabu karti li jkun ta lill-pazjenti fid-dustbin wara l-counter.

Mid-deposizzjoni tat-tabib Vassallo hu evidenti li l-problema kienet qeghda tinqala' f'dawk il-granet li l-attrici tkun fl-ispizerija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici qalet li l-flus kienu jinghataw lis-seftura, li darba fil-gimgha kienet tnaddaf l-ispizerija, u li Zammit u martu hekk qalulha biex taghmel. Dan ma jistax ikun ghaliex meta xehedet qalet li l-hlas lis-seftura kien isir mill-hlas li jaghmel pazjent meta jmur l-ispizerija jigbor certifikat mediku li jkun hareg it-tabib Vassallo. Pero' l-ilment ta' Dr Vassallo kien dwar il-flus li tatih l-attrici fl-ahhar tal-gurnata qabel jitlaq mill-ispizerija. Dan ma kellu x'jaqsam xejn ma' certifikati medici li johrog it-tabib Vassallo. Inoltre, l-qorti ma temminx li Zammit qatt qal lill-attrici biex izzomm flus tat-tabib. Li kieku qalilha taghmel hekk:-

1. Ghalfejn ma kenitx qeghda tirregistra dawk il-flus bhala parti mill-qliegh tan-negozju ?
2. F'kull kaz ukoll jekk dawk il-flus ma kellhomx jidhlu bhala qliegh, ghalfejn zammet record tal-hlas li kien isir lis-seftura gialadarba kienet qeghda tithallas minn flus li kienu tat-tabib u mhux tan-negozju ?

Mat-tabib ma jirrizultax li kien hemm ftehim li hu kellu jhallas talli jaghmel uzu mill-clinic fl-ispizerija. Hu stess xehed: *"Huma qed jaghmlu pjacir lili fis-sens mhux qed izommuli flus talli jien qieghed hemm gew, veru, pero' fl-istess hin min jigi hemm ha jixtri medicina minn hemm u toileteries u affarijiet li jkollhom bzonn"* (fol. 198). Il-

qorti ghandha dubji serji kemm Zammit kien ser ighid lill-attrici, minn wara dahar it-tabib, biex izzomm flus tat-tabib. Dan meta tqies li spizerija tajba tiddependi minn tobba li huma mfittxija min-nies. Minn dak li fehemet il-qorti mill-provi li ngabru, dan kien proprju l-kaz. Hu evidenti li t-tabib Vassallo kien tabib li jigbed hafna pazjenti u dan ghal beneficcju tal-ispizerija peress li kien ifisser xiri ta' medicina u prodotti ohra min-nies li kienu jaghmlu vista ghand Dr Vassallo. Ghalhekk il-qorti ma tistax temmen li Zammit ta l-kunsens tieghu biex jittiehdu flus li kienu tat-tabib Vassallo.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet hafna enfazi fuq 'il fatt li Zammit dam tlett xhur qabel ma tkellem. F'dan l-atteggament il-qorti ma tara xejn stramb jew hazin. It-tabib stess xehed li meta tkellem ma' Zammit qallu li l-flus li jsib neqsin ser jatihomlu hu, *"... sakemm I sort out my problems u hekk ghamilna"*. Hu evidenti li Zammit ddecieda li ma kellux jiehu decizjoni li setghet biss tipprecipita s-sitwazzjoni. Il-qorti taccetta li f'dak iz-zmien kien jiddependi mill-attrici in kwantu spizerija minghajr spizjar ma tistax topera.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-kumpannija konvenuta kellha raguni valida li tittermina l-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2005, u dan peress li mill-provi hi sodisfatta li l-attrici zammet ghaliha flus li kienu tat-tabib Dr Adrian Vassallo. Kien l-agir tal-attrici li sfratta l-ftehim. Il-qorti ma tistax tippretendi lill-kumpannija konvenuta kellha tkompli f'relazzjoni kuntrattwali ma' min kien qieghed jaghmel atti li ma kienx ta' gid ghan-negozju tal-ispizerija.

**Danni**.

L-iktar li l-attrici seta' kellha jedd ghalih taht dan il-kap hu pre-avviz ta' tlett xhur (ara klawzola 8). Madankollu minhabba li l-qorti kkonkludiet li l-konvenuta kienet gustifikata li tittermina l-kuntratt li kellha mal-attrici, f'dan ir-rigward l-ebda hlas mhu dovut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tiddikjara li in vista ta' din is-sentenza m'hemmx iktar htiega li tinghata xi dikjarazzjoni fuq l-ewwel talba.**
2. **Tichad l-ewwel erba' eccezzjonijiet in kwantu dawn jirreferu ghall-hlas li qeghda tippretendi l-attrici ghas-servizz li tat fl-ispizerija J & L Pharmacy skond klawzola 5 tal-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2005. Tillikwida s-somma dovuta lill-attrici ghal finijiet tal-klawzola numru 5 tal-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2005 fl-ammont ta' sittax-il elf tlett mija u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€16,321.27).**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma hekk likwidata bl-imghax mil-lum.**
4. **Tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-konvenuta u tichad ir-raba’, hames, sitt, seba’ u tmien talba.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal sittin fil-mija (60%) a karigu tal-kumpannija konvenuta u erbghin fil-mija (40%) a karigu tal-attrici.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------